MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 175/2009

**A B**
**vs**
**C D, l-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati**
**kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E F,**
**G F u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fis-16 ta’ Ottubru 2004, l-intimata C D welldet tifel li ssemma’ E F, liema tifel huwa intimat wkoll f’ din il-kawza.

2. Illi fl-Att tat-Twelid ta’ dan it-tifel li jgib in-numru 3557/2004 missier l-istess tarbija gie indikat li huwa l-

intimat G F li jigi r-ragel tal-intimata C D u li qabel it-twelid kienu ilhom zmien de facto separati kif jidher ahjar mid-Digriet Numru 786/2002 tal-Qorti Civili – Sekond’ Awla tad-9 ta’ Mejju 2002 u legalment separati bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tat-28 ta’ Lulju 2004.

3. Illi missier it-tifel E F m’ huwiex l-intimat G F imma hu r-rikorrent u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza permezz ta’ testijiet u ezamijiet xjentifici skond kif din l-Onorabbli Qorti joghgobha tidderigi lill-partijiet li jaghmlu.

4. Illi kull ragel ghandu dritt jitlob li jigi dikjarat li hu missier ta’ uliedu f’ kaz li c-certifikat tat-twelid ta’ wliedu jindika erronjament mod iehor.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz li t-tarbija li jisimha E F li twieldet fis-16 ta’ Ottubru 2004 kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid taghha numru 3557/2004 m’ hijix it-tifel tal-intimat G F.

2. Jigi ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid imsemmi bin-numru progressiv 3557 ta’ l-2004 billi kull referenza ghall-intimat G F bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra u senjatament jigu mhassra l-kliem kollha li hemm fl-istess certifikat taht il-kolonna “Taghrif dwar missier it-tarbija”; u dan oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista’ jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid.

Bl-ispejjez, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi fl-ewwel lok qeghda tigi sollevata l-improponibbilita’ parzjali tal-ewwel talba tar-rikorrenti

ghaliex filwaqt li huwa ghandu kull dritt qua terz interessat li jattakka l-filjazzjoni tal-minuri E F a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, min-naha l-ohra l-ligi ma taghtix l-istess dritt li jagixxi gudizzjarjament biex jitlob id-dikjarazzjoni tal-paternita' tieghu ;

2. Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tieni talba tar-rikorrenti ghaliex jekk kemm-il darba hu jirnexxilu jipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri E F m' huwiex il-wild naturali ta' l-intimat G F, f' dak il-kaz il-minuri jrid jigi mnizzel bhala l-wild ta' persuna mhux maghrufa ;

3. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu, b' mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri E F, l-esponent naturalment m' huwiex edott mill-fatti li gew ddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi bla hsara ghas-suespost, biex ir-rikorrent jirnexxilu b' success jattakka l-filjazzjoni tal-minuri E F huwa jehtieglu jipprova l-impossibilta' fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi G F u C D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tall-Artikolu 81(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri E F ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu ;

6. Illi ulterjorment dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem G F, senjatament fejn hemm indikat id-data tas-separazzjoni tal-intimati, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3557 tas-sena 2004 ;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-

azzjoni tar-rikorrent m’ hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’ ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li f’ dak l-istadju ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat li l-konvenuti C D u G F ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Analista Paul F u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E F – li twieled mill-konvenuta C D fis-16 ta’ Ottubru 2004 u li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu numru 3557/2004 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut G F – fil-fatt mhuwiex il-wild bijolgiku ta’ dan il-konvenut;  ukoll qed jitlob id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuti C D u G F, isseparaw de facto fl-ahhar ta’ Gunju 2001 meta l-istess konvenuta ma baqghetx tghix fid-dar konjugali. Eventwalment huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fit-28 ta’ Lulju 2004.

Wara s-separazzjoni de facto, il-konvenuti fuq imsemmija ma kellhomx aktar relazzjonijiet intimi; u l-konvenuta C D tghid li hija kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali u kienet tibza’ minn zewgha, u ghalhekk kien impossibbli li jkollha dawn ir-relazzjonijiet mieghu, anke peress li ma kinitx tmur id-dar.

Il-konvenuta C D dahlet f’ relazzjoni ma’ l-attur A B, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel E fis-16 ta’ Ottubru 2004.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jaghti konfort lit-tezi ta’ l-attur u tal-konvenuta C D, stante li jikkonferma xjentifikament li t-tifel E huwa l-wild naturali ta’ l-attur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma sostnuti minn provi sodisfacenti u jimmeritaw li jigu milqugha.
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur, u tiddikjara li t-tifel E F li twieled mill-konvenuta C D fis-16 ta’ Ottubru 2004, mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut G F;  u ghalhekk tordna d-debiti korrezzjonijiet fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attur u tal-konvenuta C D konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------